30 ta' Ġunju, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Maria Concetta Cardona *versus* Salvatore Bonnici et.**

**Illeġittimità tal-Persuna — Mara Miżżewġa — Liberazzjoni "ab observantia" — Ġurisdizzjoni — Appell — Sanatorja — "Jus Superveniens" — Spejjeż.**

*Għalkemm l-eċċezzjoni ta' l-Illeġittimità tal-Persuna kontra l-mara li taġixxi mingħajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni ta' żewġha tappartjeni lir-raġel, il-konvenut għandu interess li jara li l-mara miżżewġa li tkun attriċi tkun taġixxi b'dak il-kunsens jew assistenza, inkella bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti Kompetenti; u għalhekk il-konvenut għandu dritt jitlob li jiġi liberat mill-osservanza tal-kawża.*

*Jekk però r-raġel jidher fil-kawża u jagħti l-kunsens tiegħu, dak in-nuqqas jiġi sanat; u jekk ir-raġel ma jagħtix dak il-kunsens, ma hemm ebda ostakolu illi l-Qorti tissospendi l-kawża sabiex l-attriċi tottjeni dik l-awtorizzazzjoni minn għand dik il-Qorti.*

*Il-Qorti Kontenzjuża għandha ġurisdizzjoni konkorrenti mal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja biex tagħti din l-awtorizzazzjoni; imma jekk jidhrilha li ma għandhiex tagħtiha, u lanqas li tissospendi l-kawża biex il-mara tottjeniha mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, allura tiġi l-liberazzjoni "ab observantia".*

*Jekk wara s-sentenza u fil-pendenza ta' l-appell il-mara tottjeni dik l-awtorizzazzjoni, id-difett jiġi sanat xorta waħda bis-saħħa tal-"jus superveniens"; salv il-kap ta' l-ispejjeż.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili fejn talbet li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi fl-14 ta' Novembru 1935 (dok. A) miet "ab intestato" Fortunato Bonnici, missier u rispettiv nannu tal-kontendenti, li skond il-liġi huma werrieta tiegħu; u billi fil-15 ta' Awissu 1945 (dok. B) mietet Maria ġà mart l-imsemmi Fortunato Bonnici, u b'testment tal-1 ta' Ottubru 1943 (dok. C) ħalliet werrieta lill-kontendenti "in capita" barra mill-konvenuti Cardona "in stir-

pes''; u billi hija ma tridx tibqa' fil-komunjoni mal-konvenuti; (1) tiġi ordnata l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti għà eżistenti bejn Fortunato u Maria miżżewġin Bonnici..........; (2) tiġi ordnata d-diviżjoni ta' dawk l-akkwisti.........; (3) tiġi ordnata l-likwidazzjoni ta' l-assi partikulari ta' l-imsemmi Fortunato Bonnici...........; (4) tiġi ordnata d-diviżjoni ta' l-imsemmi assi partikulari f'sitt porzjonijiet indaqs, li minnhom waħda tiġi assenjata lilha, u l-oħra..........; (5) jiġi likwidat l-assi partikulari ta' Maria Bonnici...........; (6) jiġi dana l-assi diviż f'sitt porzjonijiet indaqs, li minnhom waħda tiġi assenjata lilha, u l-kumplament...........; (7) jiġi nominat perit sabiex jagħmel il-likwidazzjonijiet u d-diviżjonijiet mitluba u jissottometti pjan ta' diviżjoni, nutar biex jirċievi u jippublika l-att relativ, u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi; u billi l-konvenut Paolino Bonnici baqa' jamministra l-wirt kollu mingħajr ma rrenda kont regolari u skond il-liġi, (8) l-istess konvenut Paolino Bonnici jiġi kundannat jagħmel kont fidil u eżatt ta' l-amministrazzjoni tiegħu mis-16 ta' Awissu 1945 'il quddiem; u billi hu meħtieġ għall-aħjar amministrazzjoni tassustanzi ereditarji, (9) jiġi nominat sekwestratarju ġudizzjarju biex jamministra l-kompendju kollu ereditarju sad-diviżjoni. B'riżerva ta' drittijiet oħra u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Settembru u tal-10 ta' Ottubru 1946, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-14 ta' Marzu 1947, fejn iddikjarat illi l-attriċi istitwiet il-preżenti ġudizzju bla awtorizzazzjoni u kunsens ta' żewġha, u għalhekk mhix persuna leġittima finnuqqas ta' dak il-kunsens biex tmexxi 'l quddiem din il-kawża, u b'hekk tiċħad it-talba tal-kjamata in kawża ta' Oreste Cardona u għas-sospensjoni tal-kawża, u konsegwentement illiberat ''ab observantia judicii'' lill-konvenuti bl-ispejjeż kontra l-attriċi; wara li kkunsidrat;

Illi għalkemm dik l-eċċezzjoni hija tar-raġel, dan ma jfissérx illi l-konvenut f'kawża, bħala leġittimu kontradittur, ma għandux interess li jara li mara miżżewġa li tkun attriċi tkun

ġiebet dik l-awtorizzazzjoni u l-kunsens li ġej mill-istitut ta' l-awtorità maritali, għax il-konvenut għandu interess illi dik is-sentenza definitiva ma tiġix impunjata minn żewġ l-attriċi bl-istitut tar-ritrattazzjoni bil-konsegwenza ta' danneġġjament ekonomiku evidenti għalih;

Illi s-sentenza ċitata, u li tinsab fil-Vol. XXI-I-324, ma għandha x'taqsam xejn, għaliex dak l-attur ma kienx nieqes mill-kapaċità li jaġixxi, u l-permess hekk rikjest huwa meħtieġ bħala miżura dixxiplinari;

Illi dak in-nuqqas ta' kunsens seta' jiġi rimedjat bil-kjamata in kawża ta' min għandu jagħti l-kunsens; imma f'dak il-każ dik il-kjamata in kawża hija inopportuna ġà la darba Oreste Cardona, imsejjaħ bħala xhud, innega dak il-kunsens;

Illi l-attriċi kellha tirrikorri lill-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja biex ikollha l-awtorizzazzjoni meħtieġa;

Illi ma hemmx lok għas-sospensjoni tal-kawża għal dik l-awtorizzazzjoni wara li saret id-difiża mill-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi u l-petizzjoni tagħha fejn talbet illi dik is-sentenza tiġi revokata, u tiġi respinta l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna, u tiġi l-kawża, jekk hemm bżonn, rinvijata quddiem l-Ewwel Qorti biex l-attriċi tiġi, fil-każ li jkun meħtieġ, awtorizzata tidher mingħajr l-assistenza ta' żewġha u biex il-kawża titkompla fil-meritu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-liġi fil-materja tiddisponi li dina n-nullità hija relativa għar-raġel tal-mara miżżewġa. Ċertament, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, il-konvenut għandu d-dritt kollu illi jkun hemm il-kontradittur leġittimu, biex jevita kwalunkwe perikolu ta' ritrattazzjoni; iżda dik in-nullità hija sanata jekk ir-raġel li jidher spontaneament, jew jiġi msejjaħ fil-kawża, japprova l-atti. Quddiem l-Ewwel Qorti r-raġel deher bħala xhud, u minflok approva dawk l-atti, sija pure għaliex kien qiegħed jibża' mill-ispejjeż kontra tiegħu personalment jew bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, ma riedx japprova l-atti. Għalhekk kien inutili li Oreste Cardona jiġi msejjaħ fil-kawża, la darba huwa wera dik il-volontà tiegħu;

Tikkunsidra;

Illi għalkemm l-Ewwel Qorti f'ħaġa simili għandha ġurisdizzjoni konkorrenti mas-Sekond'Awla ta' l-istess Qorti, taħt iċ-ċirkustanzi ma deħrilhiex li għandha tagħti dik l-awtorizzazzjoni meta r-raġel kien qiegħed joppponi, għalkemm setgħet ukoll, biex ikunu evitati spejjeż inutili, speċjalment f'kawża simili li hija ta' natura dispendjuża, tagħti żmien lill-attriċi biex tipprokura dik l-awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla ta' l-istess Qorti; iżda in vista ta' l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti ma deħrilhiex li għandu jsir dana. Ċertament, għalkemm kien hemm dik l-eċċezzjoni, ma kienx ikun hemm ebda ostakolu legali illi l-attriċi jkollha żmien raġjonevoli biex iġġib dik l-awtorizzazzjoni, u allura "jus superveniens firmat actionem et exceptionem", u b'hekk kien kun evitata l-liberatorja "ab observantia", li hija proċedura a nnifisha odjuża meta din tista' tiġi sanata;

Tikkunsidra;

Illi però jibqa' dejjem il-ħtija da parti ta' l-attriċi illi qabel ma għamlet azzjoni simili ma ratx sewwa l-pożizzjoni ġuridika tagħha; jew tieħu l-awtorizzazzjoni tar-raġel tagħha jew inkella tirrikorri lis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili qabel ma ssir il-kawża, għal dik l-awtorizzazzjoni, kif normalment isir fil-maġġur parti tal-każijiet, jekk mhux f'kollha, fejn ir-raġel jirrifjuta inġustament li jagħti l-kunsens tiegħu. Mhix ebda raġuni ġustifikanti dik adottata mill-attriċi, illi hija qatt ma għamlet hekk u dejjem imxiet bl-awtorizzazzjoni "taċita" u preżunta tar-raġel; hija ma kellhiex tieħu dak ir-riskju;

Tikkunsidra;

Illi wara definita din il-kawża, l-attriċi għamlet dak li kien imissha għamlet qabel, u rrikorriet lill-Qorti kompetenti għall-awtorizzazzjoni neċessarja; quddiem dik il-Qorti deher Oreste Cardona............ u ddikjara li ma jopponix biex il-mara tiegħu tiġi awtorizzata........... U allura l-Qorti tat l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex l-attriċi tagħmel, u okkorrendo tkompli l-proċeduri meħtieġa għall-likwidazzjoni u diviżjoni tal-wirt tal-ġenituri tagħha anki mingħajr il-kunsens u l-assistenza ta' żewġha;

Tikkunsidra;

Illi, in vista' ta' dan, il-lum l-attriċi għandha l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex tkompli din il-kawża; u għalhekk, biex ikunu evitati spejjeż inutili ta' propożizzjoni ta' kawża oħra, ma hemm ebda ostakolu illi, la darba saret dik is-sanatorja, il-kawża tista' titkompla fil-meritu tagħha. Għalkemm din il-kawża tista' titkompla quddiem din il-Qorti, iżda mħabba n-natura tagħha u fl-interess tal-partijiet li jkollhom eżami doppju tal-kwistjonijiet li eventwalment jistgħu jinqalgħu, huwa spedjenti li din il-kawża tiġi rinvijata quddiem l-Ewwel Qorti biex titkompla fil-meritu tagħha;

Tikkunsidra;

Illi fuq il-kap ta' l-ispejjeż ta' l-inċident, il-konvenuti għandhom dak li kellhom dritt jagħmlu. Id-difett fondamentali qiegħed fin-nuqqas ta' l-attriċi li ma ġiebetx l-awtorizzazzjoni jew tar-raġel jew tal-Qorti kompetenti qabel ma saret il-kawża. L-ispejjeż però, għandhom ikunu moderati in vista tal-fatt illi l-attriċi ma kellhiex opportunità ġġib l-awtorizzazzjoni mill-Qorti kompetenti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell ta' l-attriċi u in vista ta' l-awtorizzazzjoni li ġiebet l-attriċi mill-Qorti kompetenti biex tkompli din il-kawża, minħabba l-"jus superveniens" tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna; u għalhekk tirrinvija l-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re biex titkompla fil-meritu tagħha. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif ġew deċiżi mill-Ewwel Qorti; l-ispejjeż ta' din l-istanza ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, id-dritt tar-reġistru relativ jitħallas mill-attriċi appellanti;

F'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.